# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1832

Kaz Nru 2277AC Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
John Caruana
u
Grand Hotel Mercure Selmun Palace (C3513)

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Appell Civili Numru 21/2005 fejn il-Qorti laqghat l-appell u b'hekk thassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali. Tirrimanda lura l-atti lill-istess Tribunal ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-meritu fit-termini tar-regolament 7 ta' Avviz Legali 429 ta' l-2002. It-Tribunal Industrijali, Decizjoni Preliminari Numru 1627 kien gie deciz illi l-kaz ma hux fil-kompitu ta' l-Avviz Legali 429 ta' l-2002 u ghalhekk ma hux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal. L-appellant kien b'kuntratt ghal perjodu definit.

Ghall-appellant deher is-Sur Josef Bugeja, Segretarju tal-General Workers' Union u l-Avukata Marvic Debarro. Ghas-socjeta intimata deher l-Avv. Andrew Borg Cardona.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant kien fl-impieg mas-socjeta ntimata ghal madwar hames snin u kien jaghmel xoghol ta' *maintenance* bhala technician.

Illi l-impieg tieghu mas-socjeta ntimata kien permezz ta' kuntratti definiti li jvarjaw minn zmien ghal zmien li huma (1) mit-2 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Mejju 2001 (2) mill-1 ta' Gunju 2001 sal-10 ta' Gunju 2001 (3) mill-11 ta' Gunju 2001 sal-31 ta' Ottubru 2001 (4) mill-1 ta' Novembru 2001 sal-3 ta' Novembru 2002 (5) mill-4 ta' Novembru 2002 sat-2 ta' Novembru 2003 (6) mit-3 ta' Novembru 2003 sal-1 ta' Frar 2004 (7) mit-2 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Ottubru 2004 (8) mill-1 ta' Novembru 2004 sat-2 ta' Jannar 2005 u (9) mit-3 ta' Jannar 2005 sas-27 ta' Marzu 2005.

Illi fl-24 ta' Marzu 2005 l-appellant gie avzat permezz ta' ittra illi l-ahhar kuntratt tieghu kien qed jigi terminat b'effett ta' dik l-ittra.

Illi l-kuntratti definiti ta' l-appellant kienu ta' natura kontinwa u jirrizulta li l-kuntratti definiti b'kollox qabzu l-erba snin li skond l-Avviz Legali 429 ta' 2002 kellu jinghata post fuq bazi indefinita.

Illi jrid jigi osservat li l-post tax-xoghol u cioe' s-socjeta ntimata ghadha topera u ghalhekk ghadha funzjonabbli.

Is-socjeta ntimata tghid illi l-kaz jirrigwardja nuqqas ta' tigdid ta' kuntratt ghal-zmien definit meta dan wasal ghall-eghluq tieghu.

Illi f'dan l-isfond it-Tribunal irid jara jekk ghandux poter jidhol fi kwistjoni bhal din meta ma kienx hemm tkeccija izda nuqqas ta' tigdid ta' kuntratt li kien wasal ghat-tmiem tieghu.

**Xhieda fil-qosor**

Xhud is-Sur Mario Cilia, General Manager, qal li kien kitiblu ittra fejn infurmah illi l-kuntratt ma hux se jigi imgedded. Ir-raguni qal illi kienu jsibu lill-appellant li kultant huwa bnediem difficli ghax ma kienx flessibli f'certu

affarijiet tax-xoghol, dana ma jiffisirx illi ma kiex jaghmel xogholu. Ikkwota kaz illi darba kien talbu biex jixghel l-*aircondition* u l-appellant qallu illi qabel it-tminja u nofs ma jibdix xoghol.

Issemma wkoll illi l-appellant kien gie mitlub xi xoghol fil-kamra 302 dwar xi *heating* fit-tmienja u sittax il-minuta ta' filghaxija u l-appellant kien irrisponda illi l-"guest" irid jistenna sa l-ghada. L'istess gara ma "guest" iehor fil-karma 208 dwar ilment fir-*remote control* il-hin kien it-tmienja u tnejn u ghoxrin minuta meta kien diga mbiddel ghax ix-*shift* tieghu kien jispicca fid-disa' ta' filghaxija.
Mistoqsi mill-legali ta' l-appellant jekk ghal dan kollu kien hemm xi *warning*, ix-xhud qal li qatt ma kien hemm.

Xhud is-Sur Emanuel Vella, Maintenance Manager, qal illi l-attitudni ta' l-appellant kienet illi meta jaghmel bicca xoghol kien jaghmilha tajba mill-bidu sa l-ahhar. Ma shabu kellu relazzjoni tajba u x-xoghol kien jiehdu b'dedikazzjoni.

Xhud l-appellant qal illi kien ilu kwazi hames snin jahdem bhala electrician/technician. Kien fl-24 ta' Marzu 2005 meta kien mar is-security biex jigbor ic-cavetta u qallu li ghandu ittra li kienet avviz mill-management illli l-kuntratt tieghu li kien wasal biex jispicca fis-27 ta' Marzu 2005 ma kienx ser jiggedded minghajr ma nghata ebda raguni.

Mistoqsi mill-legali tas-socjeta intimata dwar il-koperazzjoni tieghu fuq ix-xoghol, qal illi dejjem wera koperazzjoni ma shabu fid-department u mal-haddiema tal-kumpanija u aktar u aktar ma' l-ghola ufficjali tal-kumpanija.

Dwar l-arja kundizzjonata kif indikat fid-dokument MC/ABC/1 spiega kif tiffunzjona teknikament is-sistema billi tahdem b'timer li permezz tat-timer is-

sistema ma tahdimx kontinwu illi naturalment appena t-timer jitfi s-sistema hadd ma jkollu arja kundizzjonata fil-kamra.

Sostna illi huwa ma jistghax jiccekkja s-sistema jekk ma tinxtghelx u tkun ilha zmien mixghawla. Irid jinghata cans ta' nofs siegha biex tibda taghmel xi forma ta' effett u l-ewwel darba li kien imissa tixghel kien fid-disa' nieqes kwart ta' fil-ghaxija.

Qal ukoll li meta kien hemm is-Sur Lefevre General Manager, mhabba illi l-kontijiet tad-dawl ta' dak iz-zmien kien ghamilha prerogattiva tieghu biss li jiddeciedi kif tinxtel u titfi s-sistema ta' l-arja kundizzjonata tant illi lis-Sur Vella kien jghaddilu l-hinijiet fuq karta biex jisettja skond kif avzat. Hadd ma kien jista' jmissha s-sistema u biex jiccekkjaw kienu jridu jistennew il-hin li s-sistema tixghel.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' sentenza ta' appell ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ta' l-20 ta' April 2006, Appell Civili Numru 21/2005 fejn l-Qorti qalet li qed tilqa' l-appell u b'hekk thassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali. Tirrimanda lura l-atti lill-istess Tribunal ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-meritu fit-termini tar-Regolament 7 ta' l-Avviz Legali 429 ta' l-2002.

It-Tribunal Industrijali fid-Decizjoni Preliminari numru 1627 ta' din id-Decizjoni, It-Tribunal Industrijali jiddecidi illi dan il-kaz ma hux fil-kompitu ta' l-Avviz Legali 429 ta' 2002 u ghalhekk ma hux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. L-appellant kien b'kuntratt ghal perjodu definit.

L-appellant fl'Istqarrija tal-Kaz jghid illi gie tterminat b'mod ingust mill-kumpanija u mhux skond il-ligi .

Is-socjeta intimata tghid fl'Istqarrija ta'-Kaz illi n-nuqqas ta' tigdid sehh minhabba nuqqas da parti ta' l-appellant illi jezegwixxi l-obligi tal-kuntratt ta' impieg tieghu bil-hegga u diligenza mehtiega minnu,.

L-appellant kien impjegat mas-socjeta ntimata bhala electrician/technician fuq kuntratt definit. Beda fit-2 ta; Gunju 2000 u spicca fis-27 ta' Marzu 2005 dejjem b'kuntratt definit jiggedded b'iehor.

Kif jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Mario Cilia, General Manager, l-appellant kien jaghmel xoghol sewwa izda kien bnediem li jimxi mar-regolamenti u minhabba f'hekk ma kienx flessibli. Ikkwota xi kazijiet fejn kien talab lill-appellant biex jixghel is-switch tal-arja kundizzjonata qabel il-hin li jibda x-xoghol tieghu u dwar ilmenti minn "guests" fil-kmamar 302 u 208 minhabba l-arja kundizzjonata li ma kienetx qed tahdem.

L-appellant spiega kif tahdem is-sistema ta' l-arja kundizzjonata permezz ta' *timer* liema *timer* jigi aggustat il-hin li tixghel u titfi fuq struzzjonijiet superjuri. Qal illi biex tara u tezamina dak li talbu il-klijenti ried jghaddi l-hin stipulat u peress li huwa kien jispicca mix-*shift* tieghu fid-disa' ta' filghaxija, il-hin meta gie mitlub biex jara d-difett kien it-tmienja u ghoxrin minuta.

Il-Maintenance Manager, is-Sur Emanuel Vella qal illi l-appellant kellu attitudni li meta jaghmel bicca xoghol jaghmilha tajba mill-bidu sa l-ahhar u x-xoghol kien jiehdu b'dedikazzjoni.

It-Tribunal jirrimarka li mill-provi mressqin quddiemu jirrizulta b'mod car illi l-appellant kien bnediem li x-xoghol jaghmlu tajjeb. Is-socjeta ntimata ilmentat dwar nuqqas ta' flessibilta fix-xoghol tieghu tant illi s-Sur Mario Cilia, General Manager, qal illi x-xoghol jghamlu tajjeb imma jimxi bil-"pinna u l-klamar". Matul il-hames snin li ghamel fl-impieg mas-socjeta ntimata l-appellant ma kellu ebda *warning*.

Fil-fehma tat-Tribunal ma ngabux provi dwar xi nuqqasijiet fix-xoghol ta' l-appellant. Ma hux ghalhekk kunsiderat nuqqas illi ma kienx flessibli wisq anqas ma hu meritat li jitkecca meta kien ilu hames snin mal-kumpanija..

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg tieghu minn mas-socjeta ntimata ma kienetx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

L-appellant ghandu jiehu l-impieg li kellu immedjatament mid-data tad-decizjoni. Iz-zmien kollu li ghamel imkecci mill-impieg ghandu jigi jghodd bhala zmien regolari fl-impieg mas-socjeta ntimata.

L-appellant ghandu jinghata kumpens fis-somma ta' seba' telef disa' mijja u hamsin lira Maltin (LM7,950) = (Ewro 18,518.5). Nofs is-somma ghandha tinghata lill-appellant mhux anqas minn l-ewwel erba' gimghat konsekuttivi mid-data tad-decizjoni u illi it-tieni nofs tas-somma trid tinghata mhux aktar tard mit-tieni erba gimghat li jigu wara.

Ghal fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 = Ewro 93.17 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

____________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**